



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2015
COM(2015) 800 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

L-ABBOZZI TA' PJANIJIET BAĠITARJI 2016: VALUTAZZJONI ĠENERALI

Sommarju Eżekuttiv

Din il-Komunikazzjoni tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) tal-2016 ippreżentati sal-15 ta' Ottubru, kif mitlub mil-leġiżlazzjoni, mis-16-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro (ŻE-16), għajr dawk li mhumiex fi programm ta' aġġustament makroekonomiku u l-Portugall, li għadu ma ppreżentax pjan. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013, il-Kummissjoni evalwat dawn il-pjanijiet u s-sitwazzjoni baġitarja ġenerali u l-pożizzjoni fiskali fiż-Żona tal-Euro bħala entità sħiħa.

Il-valutazzjoni kumplessiva tal-APB tal-2016 u l-pożizzjoni fiskali aggregata għaż-Żona tal-Euro jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

1. Il-pjanijiet tal-Istati Membri jimplikaw tkompliġa tat-tnaqqis fid-defiċit nominali tal-baġit aggregat fiż-Żona tal-Euro fil-kuntest ta' rkupru li għadu fraġli u b'għadd ta' riskji negattivi, prinċipalment minħabba tnaqqis fid-domanda esterna. Wara li naqas b'mod sinifikanti minn 2,4 % tal-PDG fl-2014 u laħaq il-1,9 % tal-PDG din is-sena, id-defiċit huwa ppjanat li jonqos aktar għal 1,7 % tal-PDG fl-2016. Wara li laħaq il-quċċata tiegħu fl-2014, il-proporzjon tad-dejn aggregat fl-2016 abbażi tal-APB huwa ppjanat ukoll li jonqos xi ftit minn valur ta' 91 % smat għas-sena kurrenti għal ftit inqas minn 90 % tal-PDG.
2. Meta mqabbel mal-pjanijiet fuq terminu medju fformulati fil-Programmi ta' Stabbiltà tar-rebbiegħa tal-2015, it-tnaqqis tad-defiċit ippjanat fl-2016 ġie rivedut 'l isfel u jkun iżgħar, b'0,3 punti perċentwali fiż-Żona tal-Euro.
3. L-istampa li tirriżulta mill-APB hija ġeneralment ikkonfermati mill-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2015. It-tkabbir reali tal-PDG huwa proġettat li jissaħħaħ minn 1,6 % din is-sena għal 1,8 % fl-2016, filwaqt li l-marġni negattiv tal-potenzjal tal-produzzjoni hi mistennija li tonqos għal 1 % tal-PDG potenzjali. Għalkemm bdiet minn stima tad-defiċit nominali kemxejn agħar fiż-Żona tal-Euro għall-2015 (2,0 % tal-PDG), il-Kummissjoni qed tipprevedi tnaqqis xi ftit akbar fid-defiċits nominali mill-APB fl-2016 (b'0,3 punti perċentwali minflok 0,2), li jwassal għall-istess bilanċ nominali ta' -1,7 % tal-PDG. Il-Kummissjoni tipprevedi li l-proporzjon tad-dejn aggregat mal-PDG se jonqos għall-ewwel darba minn mindu bdiet il-kriżi għal 91 % fl-2015 u jonqos aktar għal 90 % fl-2016, li huwa fil-biċċa l-kbira skont il-pjanijiet stabbiliti fl-APB.
4. Fil-livell aggregat, il-Previżjoni tal-Kummissjoni tindika wkoll il-kontinwazzjoni ta' pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali fl-2016 fiż-Żona tal-Euro. Dan għandu jiġi evalwat skont iż-żewġ għanijiet ta' sostenibiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu twil u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika fuq terminu qasir, jiġifieri l-bżonn li tiġi żgurata bidla minn sorsi ta' tkabbir esterni għal dawk domestiċi. L-istrumenti tal-politika makroekonomika huma limitati fl-istadju attwali, bir-rati ta' imgħax nominali diġà kważi fil-limitu ta' zero f'ambjent ta' inflazzjoni baxxa ħafna, li jqiegħed aktar enfażi fuq l-importanza tal-politika fiskali. F'dawn it-termini, il-pożizzjoni fiskali aggregata newtrali mistennija taż-Żona tal-Euro għas-sena d-dieħla tidher ġeneralment xierqa fid-dawl ta' rati ta' imgħax storikament baxxi u surplus estern kbir eżistenti fiż-Żona tal-Euro. Fl-istess ħin, il-proporzjonijiet tad-dejn għadhom f'livelli għoljin ħafna u qegħdin jonqsu biss bil-mod, li jimplika l-ħtieġa biex titkompla b'mod vigoruż il-konsolidazzjoni ladarba l-irkupru jkun stabbilit.
5. Minħabba n-natura stess tiegħu, l-iffrankar temporanju mill-pagamenti ta' imgħax baxx jeħtieġ li jintuża b'mod għaqli: dan għandu jkun rifless f'defiċit aktar baxx f'pajjiżi bi żbilanċi baġitarji kbar u jippermetti żieda akbar fl-investiment pubbliku f'pajjiżi bi spazju fiskali. Il-pjanijiet fiskali preżenti huma biss parzjalment allinjati ma' din il-problema.
6. Tħassib dwar is-sostenibiltà huwa kkonfermat mid-deterjorament żgħir imbassar għall-bilanċ strutturali taż-Żona tal-Euro fil-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2016, li jista' jkun inqas mill-aġġustamenti medji meħtieġa mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro skont il-PST. Barra minn hekk, dan huwa ggwidat minn aġġustament żgħir ħafna jew saħansitra negattiv min-naħa ta' xi Stati Membri li qed jiffaċċjaw kwistjonijiet dwar is-sostenibiltà, minkejja li għad ma hemmx

orjentazzjoni suffiċjenti fi Stati Membri oħra lejn l-użu tal-ispazju fiskali disponibbli.

7. L-analiżi ta' kemm hi xierqa l-pożizzjoni fiskali fiż-Żona tal-Euro hija kkumplimentata minn analiżi tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi. Filwaqt li ċ-ċaqliq riċenti biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol sejjer fid-direzzjoni t-tajba, il-kompożizzjoni tan-nefqa turi progress limitat lejn li tkun aktar favorevoli għat-tkabbir, bin-nefqa kapitali mistennija li tonqos bħala sehem mill-PDG.
8. L-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati jissemma fi ftit mill-APBs. Stati Membri oħra jistgħu wkoll ikunu kkonċernati sadanittant jew jistgħu jkunu kkonċernati fil-futur. Il-flessibilità inkorporata fil-PST tippermetti li jiġi akkomodat l-infiq inkriminali f'sena partikolari marbut ma' avvenimenti mhux tas-soltu lil hinn mill-kontroll tal-gvern, kemm fil-parti preventiva kif ukoll f'dik korrettiva tal-Patt. Il-Kummissjoni hija lesta li tuża dawn id-dispożizzjonijiet. Hija se timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni fuq il-bażi ta' dejta osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati biex tiddetermina l-ammonti eliġibbli. Din l-informazzjoni se tintuża fil-valutazzjoni (*ex post*) tad-devjazzjonijiet temporanji li jista' jkun hemm mir-rekwiżiti tal-PST għall-2015 u l-2016. Dan ifisser li devjazzjonijiet li jirriżultaw biss u direttament mill-ispejjeż addizzjonali netti tal-kriżi tar-refuġjati mhumiex se jwasslu għal xi żieda fil-proċeduri. Dan japplika wkoll għall-ftuħ ta' Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv sakemm id-defiċit ġenerali tal-gvern jibqa' qrib it-3 % tal-PDG f'każ li jinqabeż dan il-livell limitu.
9. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet tal-Istati Membri individwali tista' tiġi mqassra kif ġej:

L-ebda APB għall-2016 ma nstab f'nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rekwiżiti tal-PST. F'diversi każijiet, madankollu, il-Kummissjoni ssib li l-aġġustamenti fiskali ppjanati ma jissodisfawx, jew jirriskjaw li ma jissodisfawx, dak li hu meħtieġ mill-PST.

B'mod speċifiku:

Dwar it-tnaqqas il-pajjiż fil-parti preventiva tal-PST:

- għal ħames pajjiżi (**il-Ġermanja, l-Estonja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovakkja**), l-APB nstab li huma konformi mar-rekwiżiti għall-2016 skont il-PST.

- għal erba' pajjiżi (**il-Belġju, il-Latvja, Malta u l-Finlandja**), l-APB nstab li huma **fil-biċċa l-kbira konformi** mar-rekwiżiti għall-2016 skont il-PST. Għal dawn il-pajjiżi, il-pjanijiet jistgħu jirriżultaw f'xi devjazzjoni mill-perkorsi ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju ta' kull pajjiż.

- għal tliet pajjiżi (**l-Italja, il-Litwanja u l-Awstrija**), l-APB jippreżenta **riskju ta' nuqqas ta' konformità** mar-rekwiżiti għall-2016 skont il-PST. L-APB ta' dawn l-Istati Membri jistgħu jirriżultaw f'devjazzjoni sinifikanti mill-perkorsi ta' aġġustament lejn l-oġettiv fuq terminu medju.

Fir-rigward tal-ħames pajjiżi li attwalment qegħdin fil-parti korrettiva tal-PST (jiġifieri fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv):

- għal tliet pajjiżi (**Franza, l-Irlanda u s-Slovenja**), l-APB nstab li huwa **fil-biċċa l-kbira konformi** mar-rekwiżiti għall-2016 skont il-PST. Fil-każ ta' Franza, filwaqt li l-mira tad-defiċit nominali rakkomandata hija mistennija li tintlaħaq fl-2016, l-APB jinkludi riskji fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv peress li l-isforz fiskali huwa mbassar li jkun b'mod sinifikanti inqas mill-livell rakkomandat, skont kull forma ta' kejl. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fil-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2016 ikun konformi mal-PST. L-Irlanda u s-Slovenja jistgħu jidħlu fil-parti

preventiva tal-Patt mill-2016 f'każ li tinkiseb korrezzjoni f'waqtha u sostenibbli tad-defiċit eċċessiv fl-2015. Għall-2016, hemm riskju ta' xi devjazzjoni (iżda li toqrob lejn livell sinifikanti fil-każ tas-Slovenja) mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġjettiv fuq terminu medju fl-2016.

- għal **Spanja**, l-APB ppreżentat fil-11 ta' Settembru nstab li joħloq **riskju ta' nuqqas ta' konformità** mar-rekwiżiti għall-2016 skont il-PST. B'mod partikolari, la l-isforz fiskali rrakkomandati u lanqas il-mira tad-defiċit nominali għall-2016 ma huma mbassra li jintlaħqu. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2016 ikun konformi mal-PST u stiednet il-preżentazzjoni ta' APB aġġornat mill-aktar fis possibbli.

- barra minn hekk, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-**Portugall** biex jippreżenta APB mill-aktar fis possibbli.

Werrej

1. INTRODUEZZJONI.....	6
2. AĠĠUSTAMENT FISKALI FIŻ-ŻONA TAL-EURO SKONT IL-PJANIJIET NAZZJONALI.....	7
3. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ABBOZZI TA' PJANIJIET BAĠITARJI INDIVIDWALI	15

1. Introduzzjoni

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tippredvi li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jippreżentaw Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) għas-sena ta' wara lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru bil-għan li titjeb il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja¹. Dawn il-pjanijiet jiġbru fil-qosor il-kontenut tal-abbozzi baġitarji li l-gvernijiet ikunu ppreżentaw lill-parlamenti nazzjonali. Il-Kummissjoni ttiprovdi Opinjoni fuq kull pjan u tivvaluta jekk huwiex konsistenti mal-obbligi tal-pajjiż skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Il-Kummissjoni hija meħtieġa wkoll li ttiprovdi valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-Żona tal-Euro kollha kemm hi. Din l-aħħar evalwazzjoni hija pprovduta f'din il-Komunikazzjoni.

Sittax-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro baġtu l-APB tal-2016 tagħhom lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-hekk imsejjaħ Two-Pack. Il-Greċja u Ċipru, il-pajjiżi taż-Żona tal-Euro li fadal taħt programm ta' aġġustament makroekonomiku mhumieħ obligati jippreżentaw pjan, peress li l-programmi diġà jipprovdu għal monitoraġġ fiskali mill-qrib. Spanja diġà ppreżentat l-APB tagħha f'Settembru u l-Kummissjoni adottat l-opinjoni tagħha fit-12 ta' Ottubru.

Il-Portugall ma ppreżentax pjan kif mitlub mil-leġiżlazzjoni. Dan qatt ma seħħ qabel u ma għandux jiġi ripetut. Anki APB bla bidla fil-politika, li huwa meqjus aċċettabbli f'każ ta' elezzjonijiet, jipprovdi informazzjoni importanti u trasparenti dwar ix-xejriet baġitarji sottostanti, u dan jiffaċilita eżami kollettiv tal-pożizzjoni fiskali kumplessiva fiż-Żona tal-Euro u jiżgura t-trattament ugwali madwar l-Istati Membri.

Filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija baġitarja tal-Istati Membri, l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni jipprovdu parir politiku oġġettiv, b'mod partikolari għall-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-konformità tal-abbozzi baġitarji mar-regoli fiskali tal-UE. It-Two-Pack jipprovdi sett sħiħ ta' għodod biex tiġi indirizzata l-politika ekonomika u baġitarja bħala kwistjoni ta' interess komuni kif maħsub fit-Trattat.

Barra minn hekk, f'Lulju 2015, il-Kunsill stieden lill-Grupp tal-Euro biex jimmonitorja u jikkoordina l-politiki fiskali tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro biex tiġi żgurata politika fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir². Il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, mingħajr preġudizzju għat-twettiq tar-rekwiżiti tal-PST, "jikkoordinaw il-politiki fiskali biex jaraw li l-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro tkun skont ir-riskji għas-sostenibbiltà u l-kundizzjonijiet ċikliċi". Din ir-rakkomandazzjoni hija ankra għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni jinqasam fi tnejn. L-ewwel nett, hija ttiprovdi stampa globali tal-politika baġitarja fil-livell taż-Żona tal-Euro, filwaqt li tibni fuq valutazzjoni orizzontali tal-APB. Dan l-eżerċizzju jirrifletti l-valutazzjoni orizzontali tal-Programmi ta' Stabbiltà li sseħħ fir-rebbiegħa, iżda b'enfażi fuq is-sena li jmiss, pjuttost milli fuq il-pjanijiet fiskali fuq terminu medju. It-tieni nett, hija ttiprovdi ħarsa ġenerali lejn l-APB fil-livell tal-pajjiż, u tispjega l-approċċ tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħhom, speċifikament għall-konformità mar-rekwiżiti tal-PST. Il-valutazzjoni hija differenzjata skont jekk Stat Membru jkunx fil-parti preventiva jew f'dik korrettiva tal-PST u tqis ukoll ir-rekwiżiti tal-PST f'dak li għandu x'jaqsam mal-livell u d-dinamika tad-dejn tal-gvern.

¹ Kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 473/2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni ta' defiċits eċċessivi tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro. Dan huwa wieħed miż-żewġ Regolamenti fl-hekk imsejjeh Two-Pack li daħal fis-seħħ f'Mejju 2013.

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU C 272, 18.8.2015, p. 100).

2. Aġġustament fiskali fiż-Żona tal-Euro skont il-pjanijiet nazzjonali

Konklużjonijiet ġenerali

L-irkupru mill-kriżi ekonomika u finanzjarja qed iżid il-pass b'mod gradwali, fiż-Żona tal-Euro. Skont is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi pprovduti fl-APB, il-PDG se jikber b'1,7 % fl-2015 fis-16-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro kkonċernati (ŻE-16), f'tit aktar mill-1,4 % mistennija fiż-żmien tal-Programmi ta' Stabbiltà (PS) f'April 2015 (it-Tabella 1). Għall-2016, il-perspettiva tat-tkabbir hija fil-biċċa l-kbira l-istess bħal dik tar-rebbiegħa, bi tkabbir fil-PDG previst li se jkun ta' 1,9 % fiż-ŻE-16 meta mqabbel mal-1,8 % mbassra fil-PS. Hekk kif l-irkupru mistenni li jżid il-pass, id-differenza bejn il-produzzjoni reali u dik potenzjali qed tonqos. Skont il-pjanijiet, il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fiż-ŻE-16 huwa mbassar li jkun ta' -1½ % tal-PDG potenzjali fl-2015 u li jkompli jonqos għal -¾ % fl-2016, wara li kien saħansitra -2½ % fl-2013. Din it-tendenza hi evidenti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm mhux mingħajr differenzi bejn il-pajjiżi. Il-previżjoni rigward l-inflazzjoni għadha baxxa, f'tit jew wisq l-istess bħar-rebbiegħa. Skont l-APB, ir-rata tal-inflazzjoni se tkun ta' 0,4 % fl-2015 u hija mbassra li tiżdied għal 1,1 % fl-2016 (l-istess bħall-SPs).

Id-defiċit nominali tal-baġit aggregat huwa ppjanat li jkompli jonqos din is-sena u li jmiss. Fiż-ŻE-16, id-defiċit huwa mbassar li jkun ta' 1,9 % tal-PDG fl-2015, tnaqqis ta' 2,4 % mis-sena l-oħra³. Fl-2016, il-proporzjon aggregat tad-defiċit huwa ppjanat li jonqos biss f'tit, għal 1,7 % tal-PDG. Dan huwa f'kontrast mat-tnaqqis ta' 0,4 punt perċentwali fl-2016 mistenni fil-PS. Flimkien mat-titjib marġinali fil-prospetti makroekonomiċi, dan jissuġġerixxi li t-tnaqqis iżgħar fid-defiċit jista' jkun dovut għal sforz fiskali iżgħar (ara hawn taħt). Madankollu, żieda fl-infiq relatat mal-kriżi tar-refuġjati x'aktarx tkun komponent kontributorju f'xi f'tit Stati Membri.

It-tkomplija ta' waqfa fil-konsolidazzjoni kif imkejla mill-bidla fil-bilanċ strutturali aggregat hija kkonfermata fl-APBs matul l-2015-16. Dan huwa ġeneralment konformi mal-projezzjonijiet għall-perjodu 2015-16 kollu fosthom fil-PS tar-rebbiegħa (il-bilanċ strutturali kien f'dak iż-żmien ippjanat li jibqa' l-istess kemm fl-2015 kif ukoll fl-2016). Il-PS infushom kienu jirriflettu l-pożizzjoni fl-APB tal-Istati Membri fil-ħarifa tas-sena li għaddiet, li indikat waqfa fil-konsolidazzjoni fl-2014 li tkompli fl-2015. Skont l-APB, il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jitjieb fl-2015 (¼ % tal-PDG), li għandu jiġi segwit, madankollu, minn deterjorament ta' ¼ % tal-PDG s-sena d-dieħla⁴. Il-pawża fil-konsolidazzjoni fiskali qed isseħħ fl-isfond ta' perspettiva ekonomika li qed titjieb gradwalment iżda li għadha fraġli u ta' tnaqqis fil-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Flimkien mal-fatt li sitt Stati Membri biss (u waħda biss minn fost l-akbar ekonomiji) qed jippjanaw li jkunu laħqu jew qabżu l-għanijiet baġitarji fuq terminu medju ta' tagħhom fil-bidu tal-2016⁵, dan jindika li l-aġġustament strutturali ppjanat fl-2016 mhuwiex se jilħaq ir-rekwiżiti tal-PST. Madankollu, l-aġġustament strutturali aggregat għandu jitqies biss bħala indikattiv f'dan ir-rigward, peress li jonqos milli jirrifletti

³ Meta ssir referenza għall-pjanijiet tal-Istati Membri, id-dejta għall-2014 hija bbażata fuq iċ-ċifri inklużi fl-APB u għalhekk tista' ma tkunx tinkorpora r-reviżjonijiet li saru mill-Eurostat bħala parti min-notifika tal-EDP (excessive defiċit procedure) tal-ħarifa tal-2015.

⁴ Id-deterjorament tal-pożizzjoni baġitarja strutturali fl-2016 fil-livell aggregat huwa kkonfermat bl-użu ta' kejl alternattiv tal-isforz fiskali diskrezzjonali, magħruf ukoll bħala d-DFE, li jissuġġerixxi aġġustament f'tit negattiv skont l-APB, meta mqabbel ma' ¼ % tal-PDG pprojetat fiż-żmien tal-PS (it-Tabella A5.7 tal-Anness 5). Id-DFE huwa indikatur alternattiv tal-pożizzjoni fiskali żviluppata għal skopijiet analitiċi u huwa separat mill-indikaturi użati biex jivvalutaw il-konformità skont il-PST. Din tikkonsisti f'approċċ "minn isfel għal fuq" fuq in-naħa tad-dħul u approċċ essenzjalment "minn fuq għal isfel", fuq in-naħa tal-infiq. Għal aktar informazzjoni, ara l-parti III tar-"Report on Public Finances in EMU 2013", *European Economy*, 4, 2013.

⁵ Il-Ġermanja, l-Estonja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija. Barra minn hekk, żewġ Stati Membri huma mistennija li jibqgħu fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv is-sena d-dieħla, jiġifieri Spanja u Franza.

d-differenzi importanti bejn l-Istati Membri rigward ir-rekwiżiti tal-PST, li huma s-suġġett tal-valutazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż tal-Kummissjoni.

Wara li laħaq quċċata fl-2014 ta' 92 % tal-PDG, il-proporzjon tad-dejn aggregat huwa ppjanat li jonqos bi ftit kemm fl-2015 kif ukoll fl-2016, fil-bieċa l-kbira skont il-proġettazzjonijiet li fuqhom kienu bbażati l-SPs. Dan huwa xprunat mit-tkabbir tal-PDG nominali u aġġustament negattiv bejn il-fondi u l-flussi (li jfisser li fatturi oħra minbarra d-defiċit tal-gvern huma ppjanati li jnaqqsu d-dejn)⁶. F'livell ta' 89 % tal-PDG fl-2016, il-proporzjon aggregat jaħbi firxa sħiħa ta' ċifri nazzjonali. Il-proporzjonijiet tad-dejn fl-Istati Membri individwali jvarjaw minn 131 % tal-PDG fl-Italja għal ftit inqas minn 10 % tal-PDG fl-Estonja. Id-dejta għall-Greċja, Ċipru u l-Portugall, tliet Stati Membri b'livelli għolja ta' dejn, mhijiex inkluża.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-aggregati ekonomiċi u baġitarji (ŻE-16) għall-2015-16

	2015			2016		
	Programmi ta' Stabbiltà tal-2015 (April)	Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (Ottubru)	Previżjoni tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2015 (Novembru)	Programmi ta' Stabbiltà tal-2015 (April)	Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (Ottubru)	Previżjoni tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2015 (Novembru)
Tkabbir reali fil-PDG (bidla fil-%)	1,4	1,7	1,6	1,8	1,9	1,8
Inflazzjoni tal-HICP (bidla %)	0,4	0,4	0,1	1,2	1,1	1,0
Bilanċ nominali (% tal-PDG)	-2,1	-1,9	-2,0	-1,6	-1,7	-1,7
Tibdil fil-bilanċ strutturali (p.p. PDG)	0,0	0,2	0,0	0,0	-0,3	-0,1
Dejn (% tal-PDG)	91,4	91,1	91,6	90,1	89,8	90,5
Il-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament (% tal-PDG potenzjali)	47,4	47,6	47,7	47,1	47,5	47,5
Proporzjon ta' dħul aġġustat ċiklikament (% tal-PDG potenzjali)	46,5	46,7	46,7	46,3	46,2	46,3

L-impatt tal-kriżi tar-refuġjati

F'għadd ta' każijiet l-APBs isemmu l-impatt baġitarju ta' influż eċċezzjonali ta' refuġjati (l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja u l-Italja). Filwaqt li l-APB kienu jirrappreżentaw strument ovvj

⁶ It-tnaqqis ippjanat tal-proporzjon tad-dejn aggregat huwa ħafna iżgħar meta l-Ġermanja tiġi eskluża miċ-ċifra aggregata (-0,7 minflok -2,5 punti perċentwali matul l-2015-16 meħuda flimkien).

għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni speċifika dwar l-ispejjeż baġitarji possibbli relatati mar-riżultati, in-natura stess ta' dan l-iżvilupp eċċezzjonali⁷ u l-fatt li l-APB huma limitati għall-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jimplika li Stati Membri oħra jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni tagħhom permezz ta' dokumenti differenti. Dan huwa meħtieġ ukoll billi s-sitwazzjoni għadha qiegħda tevolvi.

Il-flessibilità inkorporata fil-PST tippermetti li jiġi akkomodat l-infiq eċċezzjonali marbut ma' avvenimenti mhux tas-soltu lil hinn mill-kontroll tal-gvern, kemm fil-parti preventiva kif ukoll f'dik korrettiva tal-Patt. Il-parti preventiva tal-Patt espliċitament tipprevedi li devjazzjonijiet temporanji rigward l-aġġustament fiskali meħtieġ lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) jistgħu jkunu permessi *ex ante* u jistgħu, f'kull każ, ma jiġux ikkunsidrati *ex post* abbażi ta' dejta dwar ir-riżultati, dment li dawn jirriżultaw minn i) avveniment mhux tas-soltu, ii) barra mill-kontroll tal-Istat Membru, iii) b'impatt maġġuri fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika, u iv) li ma jipperikolawx is-sostenibilità fiskali fuq terminu medju. Il-parti korrettiva tipprevedi dispożizzjoni simili fir-rigward tal-ftuħ ta' EDP, meta tiddefinixxi bħala eċċezzjonali defiċit eċċessiv li jirriżulta "minn avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u b'impatt maġġuri fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika", bil-kundizzjoni li l-iżbilanċ jibqa' qrib it-3 % tal-PDG. Spejjeż mhux mistennija relatati mal-flussi ta' refluġjati jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' "azzjoni effettiva" meta tiġi vvalutata l-konformità mar-rakkomandazzjoni tal-EDP.

Għandu jiġi enfazzzjat li **r-reqwiżiti tal-aġġustament skont il-PST, kemm fil-parti preventiva kif ukoll f'dik korrettiva, huma stabbiliti f'termini ta' bidla fil-bilanċ strutturali.** Għaldaqstant, il-konċessjonijiet korrispondenti skont id-dispożizzjonijiet ta' "iżvilupp eċċezzjonali" għandhom jirriflettu (biss) il-punt sa fejn tali avvenimenti jaffettwaw il-bidla annwali fil-bilanċ strutturali, meta mqabbla ma' dik li kieku kienet tiġi osservata fin-nuqqas tal-avveniment innifsu. Il-Kummissjoni għandha għalhekk fil-prinċipju tuża dawn id-dispożizzjonijiet tal-PST fil-valutazzjoni (*ex post*) tad-devjazzjoni temporanja mir-reqwiżiti għall-2015 u l-2016 minħabba l-ispejjeż addizzjonali f'kull waħda minn dawn is-sentejn li rriżultaw mill-influss eċċezzjonali ta' refluġjati meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Fejn rilevanti, l-opinjoni jiet tal-Kummissjoni dwar l-APB jinkludu dikjarazzjonijiet fattwali dwar kif il-valutazzjoni ta' konformità tista' tiġi affettwata kieku kellna nikkoreġu għall-ispejjeż tar-refluġjati.

Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni finali fuq bażi ta' każ b'każ, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, fuq il-baży tad-dejta osservata kif stipulat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati. L-ispejjeż baġitarji relatati ma' influssi ta' refluġjati mhux se jiġu kkunsidrati bħala miżuri ta' darba, billi n-nefqa addizzjonali mhijiex neċessarjament waħda temporanja u mhux rikorrenti. Dawn għandhom ikunu wkoll marbuta direttament mal-flussi ta' refluġjati (pereż. għal kenn u l-ispejjeż amministrattivi, l-akkoljenza lokali, it-trasport, eċċ.), u bħala konsegwenza immedjata tagħhom, u jkunu netti minn kull kontribuzzjoni mmirata mill-fondi rilevanti tal-UE (u b'mod ġenerali mill-baġit tal-UE).

Il-kompożizzjoni tal-aġġustament fiskali

L-APBs jipprevedu biss bidliet limitati fil-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi fl-2015-16 għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi (it-Tabella A5.5 u l-Grafiċi A5.1a-b tal-Anness 5). Il-proporzjon tan-nefqa tal-gvern mal-PDG huwa ppjanat li jonqos b'0,6 punt perċentwali fl-2016. Madankollu, dan it-tnaqqis, li jidher kbir, huwa dovut l-aktar għall-kundizzjonijiet ċikliċi. Il-proporzjon tal-infiq korrett għall-effett taċ-ċiklu ekonomiku juri tnaqqis ta' ¼ punti perċentwali biss. Dan it-tnaqqis huwa kkompensat mit-tnaqqis ippjanat tat-taxxi, kif evidenzjat mit-tnaqqis aktar qawwi fil-proporzjon ta' dħul aġġustat ċiklikament (-½ punt perċentwali fl-2016). F'dan ir-rigward, il-pjanijiet tal-Istati

⁷ Il-Finlandja pprovdiet ukoll informazzjoni dwar l-ispejjeż proġettati assoċjati maż-żieda fin-numru ta' refluġjati fl-2015 fittra li ppreżentat il-fatturi rilevanti l-oħra li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tar-rapport tagħhom skont l-Artikolu 126 (3) TFUE.

Membri biex inaqqsu l-infiq bħala sehem tal-produzzjoni potenzjali, b'mod aggregat, fil-biċċa l-kbira ma mmaterjalizzawx matul l-aħħar ftit snin. It-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2015 (minn issa 'l quddiem "it-tbassir tal-Kummissjoni") jikkonferma t-tnaqqis żgħir fil-proporzjon tal-infiq strutturali u dak akbar fil-proporzjon tad-dħul strutturali previst fl-APB. L-elastiċità fiskali ġeneralment unitarja implikata miż-żewġ APBs u l-previżjoni tal-Kummissjoni tindika li t-tnaqqis fid-dħul huwa kkawżat minn miżuri governattivi (it-Tabella A5.6 tal-Anness 5).

Meta tiġi eżaminata n-natura favorevoli għat-tkabbir tal-pjanijiet tan-nefqa aggregati ppreżentati fl-APB, l-aġġustament ippjanat mhuwiex mistenni li jagħmel ħsara lill-prospetti tat-tkabbir fuq terminu medju, għalkemm jista' jkun hemm lok għal għażliet aktar favorevoli għat-tkabbir fit-tnaqqis tal-infiq. Il-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' nfiq huma pplanati li jonqsu, bħala perċentwal tal-produzzjoni. L-akbar tnaqqis qed jaffettwa l-kumpens lill-impjegati, il-benefiċċji soċjali u xiri ta' oġġetti u servizzi tal-gvern (il-Grafika A5.2 tal-Anness 5). Barra minn hekk, l-Istati Membri qed jibbenefikaw minn iffrankar sostanzjali fuq in-nefqa tal-imgħax (kif diskuss f'aktar dettall fit-taqsimha li jmiss). Billi l-aktar infiq produttiv mhuwiex qed jintlaqat primarjament, l-aġġustament ippjanat mhuwiex mistenni li jagħmel ħsara lill-prospetti tat-tkabbir fuq terminu medju, għalkemm jista' jkun hemm lok għal għażliet aktar favorevoli għat-tkabbir fit-tnaqqis tal-infiq. B'mod partikolari, l-infiq kapitali huwa wkoll ippjanat li jonqos. It-tbassir tal-Kummissjoni huwa ġeneralment skont l-APB, u jikkonferma l-akbar tnaqqis fil-benefiċċji soċjali u l-pagi pubbliċi, iżda jipprevedi tnaqqis iżgħar fix-xiri mill-gvern ta' oġġetti u servizzi. Il-previżjoni tal-Kummissjoni tipprevedi wkoll rwol kemxejn akbar għat-tnaqqis fl-infiq fuq l-imgħaxijiet minn dak stabbilit fl-APB.

Il-miżuri ppreżentati fl-APB jkollhom biss effett moderat fuq il-kompożizzjoni tat-taxxa għaż-ŻE-16 aggregati fl-2015. It-tliet kategoriji ewlenin (it-taxxi indiretti, it-taxxi diretti u l-kontribuzzjonijiet soċjali) huma mistennija jonqsu bħala sehem tal-PDG, mingħajr madankollu ma jinbidel b'mod sinifikanti l-piż relattiv tagħhom. Fuq in-naħa tad-dħul, il-previżjonijiet tal-Kummissjoni huma allinjati mal-APB (il-Grafika A5.3 tal-Anness 5).


Madankollu, **l-APB juru għarfien ċar fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro tal-benefiċċji tat-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol** u bosta Stati Membri qed jipplanaw jew jimplementaw varjetà ta' miżuri konkreti (it-Tabella 2). Filwaqt li bosta miżuri huma relattivament żgħar meta mqabbla mad-daqs tal-isfida, l-APB ta' xi Stati Membri jinkludu pakketti ambizzjużi ta' tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xogħol li x'aktarx ikollhom impatt pożittiv sinifikanti fuq it-tkabbir u l-impjiegi. L-aktar riformi sostanzjali huma introdotti f'dawk l-Istati Membri li attwalment għandhom taxxi fuq ix-xogħol relattivament għolja meta mqabbla mal-medja tal-UE bħalma huma l-Awstrija, il-Belġju u Franza. Fl-istess ħin, xi Stati Membri li għandhom taxxi tax-xogħol relattivament baxxi wkoll introduċew miżuri rilevanti. Il-miżuri huma ġeneralment immirati sew, b'enfażi fuq dawk il-gruppi li għalihom tassazzjoni tax-xogħol għolja tippreżenta l-akbar ostakoli għall-impjiegi. Fil-prattika, dan normalment jimplika t-tnaqqis tat-taxxi fuq livelli ta' introjtu baxxi, b'bosta Stati Membri jżidu l-ammont mhux taxxabli filwaqt li oħrajn inaqqsu r-rati jew iċaqilqu l-kategoriji biex inaqqsu l-piż fiskali fuq dawk b'introjtu baxx. Xi Stati Membri qed inaqqsu t-taxxi għal dawk b'introjtu medju wkoll filwaqt li l-ftit żidiet fit-taxxi li huma inklużi fl-APB huma għal dawk b'introjtu ogħla. Il-biċċa l-kbira tal-APB ma jipprovdwx dettalji dwar l-iffinanzjar ta' tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xogħol. Tal-anqas f'xi każijiet, il-finanzjament sħiħ jew permanenti tal-finanzjament ma jidherx li huwa żgurat b'mod sħiħ.

Kaxxa 1: Monitoraġġ tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol

Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol fiż-Żona tal-Euro huwa relattivament għoli, u dan huwa ta' piż fuq l-attività ekonomika u l-impjeggi. Taxxi għoljin fuq ix-xogħol inaqqsu l-inċentivi għat-tiftix tax-xogħol, għal li wieħed jaħdem sigħat supplementari, għal li wieħed jimpjega nies ġodda u li jħallas pagi ogħla. Dawn l-effetti huma partikolarment importanti għal xi gruppi bħal dawk b'introjtu baxx.

Il-Grupp tal-Euro esprima l-impenn tiegħu li jnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol fiż-Żona tal-Euro⁸ u adotta għadd ta' prinċipji komuni għal riformi tat-taxxi fuq ix-xogħol b'rabta mad-disinn tagħhom, il-finanzjament tagħhom, il-kuntest ta' politika usa' u l-appoġġ politiku u mis-soċjetà⁹. F'Settembru 2015, huwa qabel li jqabbel il-piżijiet tat-taxxi fuq ix-xogħol tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro mal-medja tal-UE¹⁰. Fiż-Żona tal-Euro, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini tad-daqs tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol u l-kompożizzjoni tiegħu (taxxi fuq l-introjtu personali, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati) kif muri fil-grafiċi ta' hawn taħt. Il-linja fil-grafiċi tirrappreżenta l-medja tal-UE, użata bħala referenza f'dan l-eżami, filwaqt li l-medja mhux peżata tal-OECD hija inkluża fil-grafika għal komparabilità usa'.

Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol bil-paga medja u b'paga baxxa (2014)



Noti: L-indikatur muri f'din il-grafika huwa l-feles tat-taxxa fuq ix-xogħol. Id-dejta għal-Latvja, il-Litwanja u Malta hija għall-2013. Ma hemm ebda dejta riċenti disponibbli għal Ċipru. Il-medji tal-UE u taż-ŻE huma peżati skont il-PDG. Il-medja tal-OECD mhijiex peżata.

Sors: Il-bażi tad-dejta tal-Indikaturi dwar it-Taxxa u l-Benefiċċji tal-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq id-dejta tal-OECD.

Dan l-eżami tal-pajjiżi differenti huwa biss l-ewwel pass fil-proċess lejn konklużjonijiet sodi ta' politika speċifiċi għall-pajjiżi. Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol jinteraġixxi ma' varjetà wiesgħa ta' elementi oħra ta' politika bħalma huma s-sistema tal-benefiċċji u s-sistema tal-iffissar tal-pagi. Prestazzjoni tal-impjeggi tajba tindika li l-ħtieġa li titnaqqas it-taxxa fuq ix-xogħol tista' tkun anqas urġenti filwaqt li r-restrizzjonijiet fiskali jistgħu jiddettaw li kull tnaqqis fit-taxxi tal-ħaddiema għandu jkun ikkumpensat b'mod sħiħ minn miżuri oħra li jżidu d-dħul jew inaqqsu n-nefqa. Barra minn hekk, wieħed għandu jżomm f'moħħu li għażliet speċifiċi għall-pajjiżi fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni soċjali għandhom impatt fuq il-livell ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni - f'dan ir-rigward it-taxxi fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma ta' natura differenti. Analiżi profonda speċifika għall-pajjiżi, li tqis l-informazzjoni kollha rilevanti, hija mwettqa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

It-tbassir tar-rebbiegħa 2015 tal-Kummissjoni u l-APB

⁸ <http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/eurogroup/2014/07/07/>.

⁹ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/144872.pdf.

¹⁰ <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2015/09/12-eurogroup-statement-structural-reform/>.

Rigward il-perspettiva ekonomika u fiskali globali, l-istampa li toħroġ mill-APB hija ġeneralment ikkonfermata mill-previżjoni tal-Kummissjoni, li tindika wkoll li hemm irkupru ekonomiku li għadu għaddej, għalkemm huwa moderat, fost kundizzjonijiet globali aktar diffiċli. **It-tbassir tal-Kummissjoni jipprevedi li t-tkabbir reali tal-PDG se jkun ta' 1,6 % fl-2015 u se jissaħħa ulterjorment għal 1,8 % fl-2016.** Id-domanda domestika hija bħalissa sostnuta minn sitwazzjoni ta' prezzijiet baxxi taż-żejt, rata tal-kambju tal-euro li għadha relattivament baxxa, politika monetarja akkomodanti u pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali. Fl-istess ħin, id-dinamika sottostanti tad-domanda domestika għadha kajmana. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi globali ddgħajfu, b'mod partikolari fiċ-Ċina u xi ekonomiji tas-suq emerġenti oħra, u l-kummerċ dinji naqas drastikament. Barra minn hekk, għadd ta' żviluppi jistgħu jirriżultaw fi tkabbir anqas milli mistenni mill-Kummissjoni, bħal deterjorament ulterjuri tal-kummerċ dinji, effetti sekondarji akbar milli mistenni f'ekonomiji emerġenti, jew kontagġju permezz tas-swieq finanzjarji.

It-titjib fil-kundizzjonijiet ekonomiċi huwa rifless ukoll f'kontinwazzjoni tat-tnaqqis fid-differenza bejn il-produzzjoni reali u dik potenzjali fil-previżjoni tal-Kummissjoni. Il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' 2¼ % tal-PDG potenzjali fl-2014, huwa mistenni li jonqos għal 1¾ % din is-sena u għal 1 % fl-2016.

It-titjib fil-prospetti tat-tkabbir mhuwiex rifless fl-iżviluppi tal-prezzijiet, billi **l-prospettiva tal-inflazzjoni baqgħet baxxa fil-livell aggregat.** It-tbassir tal-Kummissjoni jipproġetta inflazzjoni tal-HICP ta' 0,1 % biss din is-sena, bi previżjoni ta' żieda għal 1 % fl-2016, li jirrifletti tnaqqis gradwali tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni flimkien ma' pożizzjoni monetarja akkomodanti ħafna. Minkejja differenzi mhux negliġibbli fost l-Istati Membri, ir-rati tal-imgħax huma preżunti li jibqgħu f'livelli storikament baxxi fl-2016. Fl-istess ħin, l-eċċess kbir ta' tfaddil fuq l-investment huwa mistenni li jipersisti fl-2016, bil-bilanċ estern taż-Żona tal-Euro previst li jkun f'surplus ta' 3,6 % tal-PDG, biss marġinalment taħt il-livell tiegħu fl-2015 (3,7 % tal-PDG). Dan is-surplus estern, wieħed mill-ikbar f'termini ta' valur, huwa biss parzjalment dovut għall-effett tar-rata tal-kambju tal-euro aktar baxxa u livell baxx ta' prezzijiet tal-prodotti bażiċi. Huwa jindika wkoll nuqqas fid-domanda domestika u jindika li l-irkupru huwa fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq fatturi esterni.

Id-defiċit nominali aggregat huwa mistenni li jonqos minn 2,0 % tal-PDG fl-2015 għal 1,7 % tal-PDG fl-2016, bil-bilanċ strutturali jibqa' l-istess din is-sena u jiddeterjora f'tit fl-2016. Minkejja dan, in-nuqqas ta' titjib fil-bilanċ strutturali fl-2015 mistenni mill-Kummissjoni jinkorpora tnaqqis imbassar fin-nefqa tal-imgħax, u dan jirrifletti l-fatt li r-rendiment tal-bonds sovrani naqas b'mod drastiku minn tmiem l-2013 u laħaq livelli storikament baxxi fl-ewwel nofs tal-2015. Bħala riżultat ta' rati ta' imgħax iktar baxxi, il-ħlasijiet tal-imgħax totali mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro naqsu matul dawn l-aħħar f'tit snin billi ammonti kbar ta' dejn tmexxew 'il quddiem minn meta waqgħu r-rati tal-imgħax (l-Anness 4).

Fil-livell aggregat, il-bilanċ strutturali primarju huwa stmat li se jiddeterjora b'½ % tal-PDG fl-2015. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tistenna li d-deterjorament strutturali żgħir fl-2016 se jkun aktar qawwi (-¼ tal-PDG) meta vvalutat fuq il-bażi tal-bilanċ primarju. Il-qligħ mhux mistenni li jirriżulta minn dawn il-livelli storikament baxxi tar-rati tal-imgħax fuq id-dejn tal-gvern jipprovdi opportunità lill-Istati Membri primarjament biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom u - skont is-sitwazzjoni speċifika tagħhom - jinvestu fl-infrastruttura u jirrifirmaw l-ekonomiji tagħhom¹¹.

Filwaqt li **l-istampa globali għad-defiċit fiż-Żona tal-Euro fil-biċċa l-kbira tikkoinċidi bejn l-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni,** id-differenzi bejn l-APB individwali u l-previżjoni tad-defiċit tal-Kummissjoni jistgħu jkunu relattivament kbar, għal raġunijiet li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, il-Kummissjoni tbassar li d-defiċit ikun ogħla meta mqabbel mal-APB rispettivi, bl-akbar differenzjali bħal dawn ikunu fi Spanja, il-Belġju u s-Slovakkja (it-Tabella A5.1 u l-Grafika A5.4 tal-Anness 5). Id-differenzjali pożittivi mbassra li fadal kollha jinsabu f'firxa ta' 0,3 ta'

¹¹ Dawn il-prinċipji ġew affermati mill-Grupp tal-Euro fil-5 ta' Ottubru 2015: <http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/eurogroup/2015/10/05/>.

punt perċentwali u l-previżjoni tal-Kummissjoni hija għal ċifra tad-defiċit aktar baxxa fil-Ġermanja, fl-Estonja u fil-Finlandja.

Il-Kummissjoni qiegħda tbassar dejn aggregat kemxejn oġhla minn dak imbassar mill-Istati Membri. Għalkemm il-proporzjon tad-dejn aggregat jibqa' f'livell għoli ħafna, il-Kummissjoni tistenna li jonqos kemm din is-sena kif ukoll is-sena d-dieħla, u jilħaq id-90 % tal-PDG fl-2016. Madankollu, għandu jiġi rikonoxxut li parti kbira mit-tnaqqis tad-dejn fiż-Żona tal-Euro huwa dovut għall-Ġermanja. Meta l-Ġermanja tiġi eskluża mill-kalkoli, il-proporzjon tad-dejn aggregat previst mill-Kummissjoni jistabbilizza biss fl-2016 għal 100 % tal-PDG. Hawnhekk ukoll, id-differenzi bejn l-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni jistgħu jkunu ikbar fil-livell tal-Istati Membri, għal raġunijiet li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Id-differenzjali akbar huma relatati ma' Spanja u l-Irlanda (it-Tabella A5.3 u l-Grafika A5.5 tal-Anness 5). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-differenzjali tal-previżjonijiet ivarjaw bejn zero u 1 % tal-PDG.

Il-proporzjon tad-dejn aggregat taż-Żona tal-Euro ma jistax jiġi vvalutat f'termini ta' konformità mar-rekwiżiti tad-dejn tal-PST peress li l-Istati Membri li jikkostitwixxuh għandhom *status* differenti fir-rigward tal-PST¹². Madankollu, tmien Stati Membri taż-Żona tal-Euro li ppreżentaw APB huma soġġetti għall-parametru referenzjarju tat-tnaqqis fid-dejn. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, sitta minn dawn it-tmienja huma mistennija li jkunu konformi miegħu.

Valutazzjoni tal-aġġustament fiskali fiż-Żona tal-Euro

Fir-rigward tad-daqs tal-aġġustament strutturali tal-baġit, **it-tbassir tal-Kummissjoni jikkonferma t-tkomplija ta' pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali fl-2016 fiż-Żona tal-Euro**, wara li l-konsolidament fiskali effettivament waqaf mill-2014 'il hawn. Dan huwa kkonfermat permezz ta' kejl alternattiv tal-isforz fiskali diskrezzjonali, li juri deterjorament żgħir fil-pożizzjoni fiskali kemm fl-2015 kif ukoll fl-2016.

F'termini tal-pożizzjoni xierqa fil-livell aggregat, **l-orjentazzjoni tal-pożizzjoni fiskali fl-2015-16 għandha tiġi vvalutata skont l-oġġettivi doppji tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika fuq perjodu ta' żmien qasir.** Is-sostenibbiltà fit-tul tirrikjedi li d-dejn pubbliku jitqiegħed u jinżamm fuq perkors sostenibbli, filwaqt li jitqies il-livell attwali ta' dejn u l-infiq futur imbassar relatat mat-tixjijih¹³. L-istabbilizzazzjoni makroekonomika tista' tiġi espressa f'termini ta' tnaqqis tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni b'pass xieraq fuq terminu qasir sa medju filwaqt li, fis-sitwazzjoni attwali, tiġi żgurata wkoll rotazzjoni minn sorsi esterni għal sorsi domestiċi ta' tkabbir. L-istrumenti tal-politika makroekonomika disponibbli biex jintlaħaq dan l-oġġettiv huma limitati fil-kuntest attwali tal-politika monetarja, fejn ir-rati tal-imġħax nominali diġà jinsabu kważi fil-limitu ta' zero flimkien ma' inflazzjoni baxxa ħafna, li jqiegħed aktar enfażi fuq l-importanza tal-politika fiskali. Valutazzjoni tal-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro mqabbla mar-riskji għas-sostenibbiltà u l-kundizzjonijiet ċikliċi turi l-ħtieġa li jitnaqqas aktar il-proporzjon tad-dejn li għadu għoli, mingħajr ma jixxekkel l-irkupru ekonomiku u filwaqt li jiġu evitati politiki proċikliċi. F'dan ir-rigward, il-kalkoli preliminari tal-Kummissjoni jindikaw li xi konsolidazzjoni moderata fl-2016, kif mitlub fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u ssuġġerit mill-indikaturi ta' sostenibbiltà, tkun konsistenti ma' tnaqqis tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni. B'kuntrast ma' dan, pożizzjoni fiskali li jkollha l-għan li ċċekken il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni b'pass aktar mgħaġġel tista' tkun għad-detriment ta' titjib tas-sostenibbiltà u tkun inkompatibbli mal-konformità mar-rekwiżiti skont il-PST.

Għandu jinstab bilanċ bejn dawn iż-żewġ oġġettivi, **il-pożizzjoni fiskali aggregata fil-biċċa l-kbira newtrali taż-Żona tal-Euro mistennija għas-sena d-dieħla tidher ġeneralment adegwata**, meta

¹² Ir-rekwiżiti tad-dejn tal-Istati Membri skont il-PST jvarjaw skont jekk humiex fil-parti korrettiva jew f'dik preventiva u jekk il-proporzjon tad-dejn tagħhom huwiex aktar jew anqas minn 60 % tal-PDG.

¹³ L-indikatur tas-sostenibbiltà S1 tal-Kummissjoni, li juri l-isforz totali meħtieġ matul l-2016-21 sabiex id-dejn jitnaqqas għal 60 % tal-PDG sal-2030, b'kont meħud tal-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mat-tixjijih, jindika aġġustament ta' madwar ¼ % tal-PDG fl-2016 u s-snin sussegwenti.

jitqiesu wkoll ir-rati tal-imgħax storikament baxxi u s-surplus estern kbir, li jindikaw il-ħtieġa għal ċertu grad ta' appoġġ għad-domanda. Fl-istess ħin, minħabba n-natura mhux permanenti tiegħu, l-iffrankar minn pagamenti ta' imgħax baxxi jista' jirrappreżenta riskju jekk jintuża biex tiżdied b'mod permanenti n-nefqa tal-gvern jew jitnaqqsu t-taxxi.

Tħassib dwar is-sostenibbiltà huwa kkonfermat mid-deterjorament żgħir imbassar għall-bilanċ strutturali taż-Żona tal-Euro fil-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2016, li jista' jkun inqas mill-aġġustamenti medji meħtieġa mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro skont il-PST¹⁴. Barra minn hekk, dan huwa ggwidat minn aġġustament żgħir ħafna jew saħansitra negattiv min-naħa ta' xi Stati Membri li qed jiffaċċjaw kwistjonijiet dwar is-sostenibbiltà, minkejja li għad ma hemmx orjentazzjoni suffiċjenti fi Stati Membri oħra lejn l-użu tal-ispazju fiskali disponibbli.

¹⁴ Il-kalkolu ta' rekwiżit ta' aġġustament aggregat fiż-Żona tal-Euro huwa kkumplikat minn għadd ta' fatturi, l-aktar notevolment it-trattament ta' over-achievers u s-suppożizzjonijiet dwar li jiġi stabbilit bħala mira aġġustament nominali jew strutturali għall-Istati Membri fil-parti korrettiva. Madankollu, fid-dawl ta' titjib strutturali minimu meħtieġ ta' 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju fil-parti korrettiva u ta' aġġustament simili tal-parametru referenzjarju fil-parti preventiva, id-deterjorament żgħir previst mill-Kummissjoni għaż-Żona tal-Euro kważi żgur li ma jissodisfax rekwiżit aggregat.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji individwali

L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji tiffoka fuq il-konformità mal-PST u mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fuq din il-bażi. Għall-Istati Membri fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (Excessive Deficit Procedure, EDP), l-Opinjoni tal-Kummissjoni tivvaluta l-progress tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, fir-rigward tal-miri tad-defiċit kemm nominali kif ukoll strutturali. Għall-Istati Membri fil-parti preventiva tal-Patt, l-Opinjoni tal-Kummissjoni jivvalutaw l-aderenza mal-obiettivi baġitarji fuq terminu medju (OTM) jew il-progress lejhom, kif ukoll il-konformità mar-regola tad-dejn, sabiex jiġi stabbilit jekk il-pjan huwiex konformi mal-PST u r-rakkomandazzjonijiet fiskali speċifiċi għall-pajjiżi (country-specific recommendations - CSRs) indirizzati lill-Istati Membri mill-Kunsill f'Lulju.

L-Istati Membri kollha taż-Żona tal-Euro li mhumiex fil-programm, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, ippreżentaw l-APB tagħhom sal-15 ta' Ottubru. In-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' APB bla bilda fil-politika min-naħa tal-Portugall mhuwiex konformi mat-"Two-Pack" u l-Kummissjoni tteġġegħ lill-Portugall jissottometti fajl APB komplut mill-aktar fis possibbli. Spanja diġà ppreżentat l-APB tagħha f'Settembru u l-Kummissjoni adottat l-opinjoni tagħha fit-12 ta' Ottubru.

L-ebda APB ma nstab li kien f'"nonkonformità partikolarment serja" kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Madankollu, diversi mill-pjanijiet preżentati jagħtu lok għal tħassib.

It-Tabelli 2a u 2b jiġbru fil-qosor il-valutazzjonijiet tal-APB tal-pajjiżi individwali skont l-Opinjoni tal-Kummissjoni adottati fis-16 ta' Novembru flimkien mal-valutazzjoni tal-progress bir-riformi relatati mal-governanza fiskali. Dawn il-valutazzjonijiet huma bbażati fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2015. Sabiex ikun iffaċilitat il-paragun, il-valutazzjoni tal-pjanijiet hija miġbura fil-qosor fi tliet kategoriji wiesgħa, li għandhom sinifikat differenti skont jekk Stat Membru huwiex f'EDP jew le:

- **Konformi:** Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, ma hemmx **bżonn li l-pjanijiet baġitarji** jiġu adattati fil-proċedura baġitarja nazzjonali biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-PST.
- **Ġeneralment konformi:** Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet **biex jieħdu l-miżuri meħtieġa** fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2016 ikun konformi mal-PST abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

Għall-Istati Membri fl-EDP: filwaqt li t-tbassir tal-Kummissjoni jibassar li l-mira tad-defiċit nominali se tintlaħaq, hemm nuqqas li jidher fl-isforz fiskali meta mqabbel mal-valur rakkomandat li jpoġġi f'riskju l-konformità mar-rakkomandazzjoni tal-EDP.

Għall-Istati Membri fil-parti preventiva tal-PST: skont it-tbassir tal-Kummissjoni, l-APB jista' jirriżulta f'xi devjazzjoni mill-OTM jew mill-perkors ta' aġġustament lejha, iżda dan in-nuqqas relattiv mar-rekwiżit ma jkunx jirrappreżenta devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament meħtieġ. Dawn l-Istati Membri huma vvalutati sabiex jikkonformaw mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn meta applikabbli.

- **Riskju ta' nuqqas ta' konformità:** Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, l-APB mhuwiex mistenni li jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-PST. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet **biex jieħdu l-miżuri meħtieġa** fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2016 ikun konformi mal-PST abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

Għall-Istati Membri fl-EDP: it-tbassir tal-Kummissjoni għall-2016, jekk jiġi kkonfermat *ex post*, jista' jwassal għall-intensifikar tal-EDP peress li la l-isforz fiskali rakkomandat u lanqas il-mira rakkomandata tad-defiċit nominali ma huma mbassra li se jintlaħqu.

Għall-Istati Membri fil-parti preventiva tal-PST: it-tbassir tal-Kummissjoni jipprevedi devjazzjoni sinifikanti mill-OTM jew mill-perkors tal-aġġustament meħtieġ lejn l-OTM fl-2016 u / jew min-nuqqas ta' konformità mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn fejn applikabbli.

Wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" tat-13 ta' Jannar 2015, l-Italja u l-Finlandja fl-APB¹⁵ tagħhom talbu devjazzjoni tal-flessibbiltà mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-OTM abbażi tar-riforma strutturali u / jew il-klawsola dwar l-investment. Għandu jiġi nnotat li l-għoti ta' flessibbiltà f'dan l-istadju jsir barra miċ-ċikli normali tas-Semestru Ewropew u jitbiegħed mill-proċess previst fil-Komunikazzjoni dwar il-flessibbiltà fil-PST. F'kullkaż, fin-nuqqas ta' marġini ta' sikurezza suffiċjenti għall-valur ta' referenza tal-iżbilanċ tal-PDG ta' 3 %, il-Finlandja bħalissa hija evalwata bħala mhux eliġibbli għad-devjazzjoni temporanja mitluba fl-2016. Fir-rigward tal-Italja, jidher li l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-klawsola dwar l-investment jistgħu jiġu ssodisfati fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tieħu kont ta' dan fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà li jmiss. Se tingħata attenzjoni partikolari lil jekk devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament tkunx qed tintuża b'mod effettiv għal skopijiet ta' żieda fl-investimenti u għall-pjanijiet ta' ritorn lejn il-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM. Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll jekk il-progress fl-aġenda ta' riforma strutturali huwix konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

Barra minn hekk, f'għadd ta' każijiet (l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja u l-Italja) l-APB jsemmi l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati. Kif spjegat hawn fuq, il-flessibbiltà inkorporata fil-PST tippermetti li jiġi akkomodat l-infiq eċċezzjonali inkriminali (minn sena għall-oħra) marbut ma' ċirkostanzi mhux normali barra l-kontroll tal-gvern (bħal spejjeż addizzjonali minħabba żieda eċċezzjonali fl-influssi ta' refuġjati), kemm fil-parti preventiva kif ukoll f'dik korrettiva tal-Patt. Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, fuq il-bażi ta' dejta osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati, meta tivvaluta (*ex post*) id-devjazzjoni temporanja mir-rekwiżiti għall-2015 u l-2016.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat b'mod preliminari l-grad ta' konformità kumplessiva mar-riformi tal-governanza fiskali elenkati fis-CSRs tal-2015. Il-valutazzjoni tal-APB hija miġbura fil-qosor f'frames kategoriji wesgħin. Dawn huma:

- **L-ebda progress:** L-Istat Membru la ħabbar u lanqas ma adotta miżuri biex jindirizza s-CSR rilevanti.
- **Progress limitat:** L-Istat Membru ħabbar xi miżuri biex jindirizza s-CSR rilevanti, iżda dawn il-miżuri jidhru li mhumiex suffiċjenti u / jew l-adozzjoni / l-implimentazzjoni tagħhom tinsab friskju.
- **Xi progress:** L-Istat Membru ħabbar jew adotta miżuri biex jindirizza s-CSR rilevanti. Dawn il-miżuri huma promettenti, iżda mhux kollha għadhom ġew implimentati sa issa u l-implimentazzjoni mhijiex ċerta fil-każijiet kollha.
- **Progress sostanzjali:** L-Istat Membru adotta miżuri, li fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew implimentati. Dawn il-miżuri jagħmlu passi kbar lejn l-indirizzar tas-CSR rilevanti.
- **Indirizzati bis-sħiħ:** L-Istat Membru adotta u implimenta miżuri li jindirizzaw is-CSR rilevanti kif xieraq.

Valutazzjoni komprensiva tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2015 se ssir fir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2016 u fil-kuntest tas-CSRs tal-2016 li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'Mejju.

¹⁵ Il-Finlandja talbet formalment flessibbiltà bħala parti mill-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tagħha, ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2015 flimkien mal-APB tagħha.

Tabella 2a: Ħarsa ġenerali lejn l-Opinjoniġiet individwali tal-Kummissjoni fuq l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji – l-Istati Membri li huma bħalissa fil-parti preventiva tal-PST

Pajjiż	Konformità ġenerali tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir		Progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fiskali-strutturali rakkomandati fis-CSR tal-2015	
	Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-previżjoni tal-ħarifa 2015 tal-Kummissjoni	Konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2015-16	Progress fir-rigward tas-CSRs relatati mal-governanza fiskali	Miżuri prinċipali fl-APB biex jindirizzaw il-feles tat-taxxa fuq ix-xogħol
BE*	Ġeneralment konformi	2015: xi devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2016: xi devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Xi progress	- Żieda tal-ammont mhux taxxabbli, żieda ulterjuri fl-ammont deduċibbli standard għall-ispejjeż professjonali. Żieda ulterjuri tal-"bonus tax-xogħol", kreditu tat-taxxa għal dawk b'introjtu baxx. - It-tneħħija tal-kategorija ta' 30 % u ż-żieda tal-livell limitu għat-tieni l-ogħla kategorija tat-taxxa fuq l-introjtu personali. - Aktar tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegati għal dawk li jaqilgħu paga baxxa. Tnaqqis f'fażijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegatur, parzjalment permezz ta' assorbiment tas-sussidji tal-pagi eżistenti u parzjalment permezz ta' tnaqqis addizzjonali għall-pagi baxxi u medji. - Estensjoni tal-eżenzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegaturi għall-ewwel ħaddiema impjegati mill-SMEs.
DE	Konformi	2015: l-OTM inqabeż; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn 2016: l-OTM inqabeż; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn	Progress limitat	- Żieda fl-ammont minimu mhux taxxabbli tal-introjtu. - Żieda fil-benefiċċji għat-tfal. - Aġġustament tal-kategoriji tat-taxxa fuq l-introjtu għall-pressjoni fiskali.
EE	Konformi	2015: l-OTM inqabeż 2016: l-OTM inqabeż	m.d. (mhux disponibbli)	- Żieda fl-ammont mhux taxxabbli. - Introduzzjoni ta' rifużjoni tat-taxxa fuq l-introjtu għal dawk li jaqilgħu paga baxxa.
IT*	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2015: xi devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2016: devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM;	Xi progress	- Tnaqqis b'40 %, għal tul ta' żmien kumplessiv ta' sentejn, tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem imħallsa għal impjegati permanenti ġodda reklutati matul l-2016. Dan itawwal eżenzjoni sħiħa għal tliet snin li kienet iddaħħlet qabel għal persunal ġdid impjegat b'kuntratti miftuħa matul l-2015.
LT	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2015: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2016: devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM;	Progress limitat	- Żieda fl-ammont mhux taxxabbli. - Żieda fl-ammont mhux taxxabbli għall-ġenituri u l-persuni b'diżabilità.

LV	Ġeneralment konformi	2015: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2016: xi devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Xi progress	- Żieda fl-ammont mhux taxxabli. - Introduzzjoni tal-progressività fl-ammont mhux taxxabli. - Introduzzjoni ta' taxa ta' solidarjetà fuq dawk li għandhom introjtu għoli.
LU	Konformi	2015: l-OTM inqabeż 2016: l-OTM inqabeż	Progress limitat	L-ebda miżuri relatati.
MT	Ġeneralment konformi	2015: ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn 2016: xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn	Xi progress	- Żieda fl-ammont mhux taxxabli. - Tnaqqis tar-rifuzzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu għal dawk li għandhom introjtu baxx.
NL	Konformi	2015: ebda devjazzjoni mill-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn 2016: ebda devjazzjoni mill-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn	Xi progress	- Żieda fil-kreditu ta' taxa għal persuni impjegati għal introjtu sa EUR 50 000. - Tnaqqis tat-tieni u t-tielet rata tat-taxxa fuq l-introjtu. - Żieda tal-livell limitu għall-ogħla kategorija tat-taxxa fuq l-introjtu. - Żieda fil-kreditu fiskali għall-ġenituri. - Tneħħija gradwali tal-kreditu tat-taxxa ġenerali.
AT**	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2015: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn 2016: devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn	Progress limitat	- Żieda fin-numru ta' kategoriji tat-taxxa, tnaqqis tar-rata tat-taxxa tal-ewwel livell minn 36,5 % għal 25 % sa EUR 18 000 ta' introjtu annwali. - Livell limitu għar-rata tat-taxxa ta' 50 % miżjud minn EUR 60 000 għal EUR 90 000. - Rata tat-taxxa temporanja ta' 55 % hija prevista għal introjtu annwali ogħla minn EUR 1 miljun. - Ir-rimborż ta' nofs il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal dawk b'introjtu baxx ħafna.
SK	Konformi	2015: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2016: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Progress limitat	L-ebda miżuri relatati.
FI***	Ġeneralment konformi	2015: xi devjazzjoni mill-OTM 2016: xi devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Progress limitat	- Aġġustament, fl-2016, tal-kategoriji tat-taxxa li jirrifletti ż-żieda fil-qligħ u l-inflazzjoni. - L-ogħla kategorija tat-taxxa fuq l-introjtu fl-iskala tal-gvern ċentrali (it-taxxa tas-solidarjetà) ser tibqa' fis-seħħ sal-2019 u l-livell limitu li minnu tapplika jitnaqqas għas-snin 2016 u 2017. - Żieda fil-kreditu tat-taxxa mix-xogħol. - Żieda fil-kontribuzzjoni tal-assigurazzjoni għall-qgħad b'l pp.

* Ir-rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE tas-27 ta' Frar 2015 ikkonkluda li l-kriterju tad-dejn għandu jitqies li ġie rrispettat f'dak iż-żmien.

** F'każ li l-istima attwali tal-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali tar-refuġjati tiġi eskluża mill-valutazzjoni, id-devjazzjoni prevista mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat ma tibqax aktar sinifikanti.

*** Billi d-defiċit notifikat għall-2014 u d-defiċit u d-dejn ipplanati għall-2015 kienu ogħla mill-valuri ta' riferiment tat-Trattat, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE fis-16 ta' Novembru 2015, fejn ikkonkludiet li kemm il-kriterju tad-defiċit kif ukoll dak tad-dejn għandhom jitqiesu bħala li ġew rrispettati.

Tabella 2b: Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni individwali tal-Kummissjoni fuq l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji – l-Istati Membri attwalment fil-parti korrettiva tal-PST

Pajjiż	Konformità ġenerali tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir		Progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fiskali-strutturali rrakkomandati fis-CSRs tal-2015	
	Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-previżjoni tal-ħarifa 2015 tal-Kummissjoni	Konformità mal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv fl-2015-16	Progress fir-rigward tas-CSRs relatati mal-governanza fiskali	Miżuri prinċipali fl-APB biex jindirizzaw il-feles tat-taxxa fuq ix-xogħol
IE*	Ġeneralment konformi	2015: f-EDP 2016: xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn	Xi progress	- Żieda fl-ammont mhux taxxabbli għall-pagament soċjali universali kif ukoll żieda tal-livell limitu għall-kategorija tan-nofs u tnaqqis tar-rata fit-tliet kategoriji l-aktar baxxi.
ES**	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2015: il-mira nominali ma ntlaħqitx, l-isforz fiskali kien sostanzjalment inqas minn dak irrakkomandat, u poġġa l-konformità f'riskju 2016: il-korrezzjoni f'waqtha sal-2016 f'riskju; l-isforz fiskali kien sostanzjalment inqas minn dak irrakkomandat, u poġġa l-konformità f'riskju	Xi progress	- Tnaqqis tar-rati tat-taxxa matul l-firxa tal-introjtu u l-introduzzjoni ta' eżenzjonijiet, li jnaqqsu r-rata tat-taxxa effettiva ta' dawk b'introjtu baxx. Introdott f'żewġ fażijiet, fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju 2015, rispettivament. - Rata fissa temporanja fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali sa Marzu 2015. Sostitwita minn eżenzjoni temporanja minn kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ewwel EUR 500 fix-xahar għal impjiegi permanenti ġodda b'ċerti kundizzjonijiet (tiskadi fit-tliet kwart tas-sena 2016).
FR	Ġeneralment konformi abbażi tal-mira tad-defiċit nominali	2015: il-mira nominali ntlaħqet, l-isforz fiskali huwa sostanzjalment inqas minn dak irrakkomandat, u poġġa l-konformità f'riskju 2016: il-mira nominali ntlaħqet, l-isforz fiskali huwa sostanzjalment inqas minn dak irrakkomandat, u poġġa l-konformità f'riskju	Xi progress	- Tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem għall-pagi bejn 1,6 u 3,5 darbiet il-paga minima. - Tnaqqis ta' taxxa fuq l-introjtu personali għall-familji b'introjtu baxx permezz ta' ribass tat-taxxa ("décote") għal familji b'introjtu baxx.
PT*	Għadu ma ġie ppreżentat l-ebda APB			
SI*	Ġeneralment konformi	2015: f-EDP 2016: fitit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-parametru referenzjarju tad-dejn	Xi progress	L-ebda miżuri relatati.

* Il-pajjiż bħalissa jinsab fil-parti korrettiva, iżda jista' jitqiegħed fil-parti preventiva mill-2016 jekk isseħħ korrezzjoni f'waqtha u sostenibbli.

** Il-Kummissjoni adottat Opinjoni dwar l-APB ta' Spanja fit-12 ta' Ottubru. Il-Portugall ma ppreżentax APB għall-2016 sal-15 ta' Ottubru.